MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 348/2002/1

**Keith u Roberta konjugi Muscat**

**Vs**

**Giuseppe Zahra**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm541.09 (hames mija wiehed u erbghin Lira Maltin disa` centezmi) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar it-12 ta' Lulju 2001gewwa Paola.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi qed jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal
1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju, 2001 fi Vjal Santa Lucija, Paola, ghall-habta tal-22.30 ta' filghaxija,

bejn il-vettura HAA 979 propjeta ta’ l-atturi u misjuq mill-attur, u l-vettura FBY 721, misjuq mill-konvenut, u dan minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u responsabbli ukoll ghad-danni sofferti minnkom fl-imsemmi incident.

2. Jillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-imsemmi incident fis-somma ta’ hames mija u wiehed u erbghin lira u disa` centezmi Maltin (Lm541.09) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata okkorendo bin-nomina ta’ periti nominandi.

3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u wiehed u erbghin lira u disa` centezmi Maltin (Lm541.09) jew somma ohra li tigi likwidata minn dan l-onorabbli tribunal in linja ta’ danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku fuq imsemmi, bl-imghax legali mill-20 ta’ Settembru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-14 ta’ Dicembru, 2001, ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Settembru, 2001, tar-rikors tas-6 ta’ Novembru, 2001, tar-rikors l-iehor tat-22 ta’ Novembru, 2001 (inkluz l-ispejjez tal-pubblikazzjoni) kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta’ Lulju 2001 fi Vjal Santa Lucija, Paola liema incident sehh unikament tort tal-attur Keith Muscat minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta’ din il-kawza hija dik identika ghall-mertu ta’ kawza Avviz Nru 109/02 fl-ismijiet “Francesco Saverio Said vs Muscat Keith”. L-istess kawza mxiet kontestwalment ma’ din il-kawza in vista li kienet l-istess kollizjoni. Kienu nvoluti l-istess partijiet. F’dik il-kawza r-responsabbilta` giet akkordata lill-odjern attur.

Ghaldaqstant jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------